# Eku tal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca

**Jikteb Ivan Farrugia**



Għadhom f'moħħna lkoll iċ-ċelebrazzjoni sbieħ li saru marbuta mal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ. Xi wħud minna kienu preżenti saħansitra f'Ruma, fosthom anke xi tfal minn tagħna. Oħrajn kienu preżenti għaċ-ċelebrazzjonijiet li saru kemm f'Malta kif ukoll Għawdex. Żgur li għadha quddiem għajnejna x-xbiha ta' San Ġorġ Preca mdendla mal-faċċata tal-Bażilka ta' San Pietru fil-Vatikan. Żgur li għadhom jidwu f'widnejna l-kliem li qalilna l-Papa Benedettu XVI bi lsien pajjiżna. Ilkoll kemm aħna fraħna b'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. U kellna raġun nifirħu li wieħed minn ħutna, Malti bħalna, ġie mgħolli għall-qima ta' l-artali.

Issa, biex dak li għexna f'Ġunju li għadda ma jsirx biss tifkira li bil-mod il-mod tibda tintesa, jixraq li nkomplu nżidu fl-imħabba tagħna lejn dan il-qaddis Malti u nimitawh fl-imħabba tiegħu lejn Ġesù. Għall-grazzja ta' Alla kellna numru sabiħ ta' persuni li xtraw jew issellfu mill-Museum tagħna kotba dwar il-ħajja ta'Dun Ġorġ kif ukoll kotba miktuba minnu stess. B'hekk saru jafu aħjar lil Dun Ġorġ u allura jservi għalihom ta' mudell.

Hemm ħafna x'nitgħallmu minn Dun Ġorġ u x'nimitaw fil-ħajja tiegħu. Hawn ser insemmu aspett wieħed biss: l-imħabba tiegħu lejn il-Kelma ta' Alla kif miktuba fl-Iskrittura.




Dun Ġorġ irnexxielu jiftaħ it-teżori tal-Kelma ta' Alla u jgħaddihom lill-poplu. Dan għamlu fi żmien meta din kienet xi ħaġa diffiċli peress li f'Malta ma kienx hawn Bibbja bil-Malti. Hu stess kien jagħmel traduzzjoni tal-Kelma ta' Alla u jgħaddiha f'idejn irġiel u nisa lajċi. Din kienet xi ħaġa verament ġdida għal żmienu. Hu kien saċerdot li fehem u poġġa fil-prattika minn qabel dak li l-Knisja kienet se tipproklama fit-tagħlim tagħha fil-Konċilju Vatikan II. Din l-imħabba lejn il-Kelma ta' Alla tidher ukoll fil-kitbiet tiegħu.

Kemm tkun ħaġa sabiħa li aħna wkoll, bħal San Ġorġ Preca, jkollna mħabba kbira lejn il-Kelma ta' Alla. Din l-imħabba tagħna lejn l-Iskrittura tidher fil-mod kif nisimgħu x-xandir tal-Kelma fil-Knisja, fil-qari u fil-meditazzjoni ta' l-Iskrittura speċjalment fil-familji tagħna. Jalla l-eżempju ta' San Ġorġ Preca jimliena bil-ħeġġa u bl-imħabba għall-qari tal-Kelma ta' Alla.

Nieħdu din l-opportunita' biex minn qalbna nirringrazzjaw lil dawk kollha li għenuna matul din is-sena b'mod speċjali l-ġenituri li jħeġġu lil uliedhom jiġu l-Museum regolari.

Minn qalbna nawguraw lil kulħadd il-festa t-tajba. Jalla l-Mulej, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija ta' Loreto u ta' San Ġorġ Preca jkompli jitfa' fuqna l-barka tiegħu.